# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

ĠUNJU 1937 ] IS-SEBA' SENA [ Għadd 76

# L-ORTOGRAFIJA FIT-TAGĦLIM TAL-MALTI

Fil-Għadd 71 ta' dan il-qari għidna li t-tagħlim tal-Malti ma għandux ikun ortografija biss, iżda għandu jiġri u jinfirex fuq il-Malti kollu bħala lsien miktub: tifsir ta' kliem u ta' frażijiet, tifsir ta' Versi, tgħarbil tal-aħjar proża, tagħrif ħafif dwar kittieba tal-Malti u ħwejjeġ oħra, kif isir fit-tagħlim tal-Ingliż u tat-Taljan.

Il-lum irridu ntennu dak li ktibna u nfiehmu aħjar dak li ridna ngħidu.

L-ortografija hija l-qofol tat-tagħlim tal-Malti; hija s-sies li fuqu għandu jinbena t-tagħlim kollu tal-kitba Maltija. U għalhekk il-ħtieġa tat-tagħlim tal-ortografija jagħrafha u jistqarrha kullħadd, u l-aktar f'dawn l-ewwel snin li fihom il-Malti beda jieħu sura ta' lsien letterarju u jitqabad ma' fehmiet qodma, li b'ortografija oħra, b'ortografija mħabbla u mgħawwġa, iridu jfixklu l-mixi letterarju tiegħu. L-ortografija hija l-pedament; iżda fuq il-pedament jaħtieġ tibni d-dar, u għalhekk fuq it-tagħlim tal-ortografija jaħtieġ li aħna nibnu tagħlim aktar għoli, u mhux nibqgħu bil-pedamenti biss, li, sħaħ kemm ikunu sħaħ, huma dejjem ħaġa nieqsa għax jitolbu fuqhom il-bini li mħabba fih huma tqiegħdu.

L-ortografija mela hija l-bidu tat-tagħlim tal-Malti u mhux it-tmiem. Wara li s-surmast ikun ħarreġ it-tfal f'dan l-ewwel tagħlim, għandu jibda jħarriġhom ukoll fit-tagħlim tal-Grammatka, fit-tifsir tal-kliem, u ta' dak il-kliem li għalkemm jixxiebah ma jfissirx ħaġa waħda, tifsir ta' espressjonijiet u ta' metafori, jagħtihom jitgħallmu bl-amment xi poeżija, jurihom b'liema sengħa l-kittieb ifisser il-ħsebijiet tiegħu u jdarrihom ifissru bi kliem ieħor dawk l-istess ħsebijiet, iġagħalhom iħossu u jifhmu l-ġmiel tal-kitba, li għalkemm tidher ħafifa, tkun tiġbor fiha sengħa kbira. Neħħi dan it-tagħlim u l-qari, ngħidu aħna, tan-novelli ta' Temi Zammit isir mogħdija ta' żmien, isir telf ta' żmien. It-tfal jaqraw novella bħal *Nies bla sabar*, jidħku daħka, u ma jifhmux dik is-sengħa moħbija li biha l-kittieb bi ftit kliem ħafif u mexxej pinġa kwadru li tarah jaqbeż bil-ħajja. U hekk dan il-kittieb kbir isir f'moħħ it-tfal li ma jafuhx ħarrief li jgħaddi ż-żmien fuq l-għatba ta' xi ħanut jew fuq it-taraġ taz-zuntier tal-Knisja.

Dan li ridna ngħidu. Barra minna li ngħidu l-iċken kelma kontra t-tagħlim tal-ortografija! L-ortografija rriduha li tkun mgħallma bil-qawwa kollha li biha għandu jitqiegħed il-pedament ta' bini kbir; iżda rridu wkoll li wara li nkunu bnejna l-pedament, intellgħu fuqu l-bini sabiħ u għoli tat-tagħlim letterarju tal-Malti.